Lorna Vassallo

L-Orizzont

Data tal-Pubblikazzjoni : **Il-Gimgha 11 ta' Jannar 2002**

# Prigunieri politici

Kemm il-darba nisimghu dwar persuni li jinqazbdu mill-Istat bhala prigunieri politici. Dawn in-nies hafna drabi jkunu nies li ma jaqblux mal-gvern taghhom, specjalment fejn il-gvern ikun wiehed ta' natura dittatorjali jew militari, u ghan din ir-raguni biss jintefghu l-habs.

U appuntu, dan it-tip ta' ksur tad-drittijiet tal-persuna jigri l-iktar jekk mhux esklussivament f'postijiet immexxija dittatorjalment.

Pero' d-demokrazija pprovat s'issa li hija l-ahjar politika li tiggarantixxi d-drittijiet ta' l-individwu u tpoggi lil kulhadd fl-istess keffa ta' mizien – mill-kbir saz-zghir. Mill-profeti tad-demokrazija ud d-diversi principji taghha hareg hafna tajjeb ghalkemm xi kultant nibet ukoll il-hazin, ghax f'din id-dinja anke mit-tajjeb jintuza hazin.

Fis-sistema demokratika l-individwu ghandu iktar possibilita' li jghix hajtu fil-liberta'. Izda ghalkemm il-liberta' ta' l-individwu hija sagrosanta fis-sistema demokratika, l-individwu hafna drabi jsib lilu nnifsu mdawwar b'ghelieqi manjetici li ghalkemm mhux ihosshom, qeghdin jinfluwenzawh, u xi kultant anke jaghmlulu hazin. Ghalhekk, fid-demokrazija l-individwu jahseb li qieghed itir wahdu mentri l-possibilita' tieghu li jtir ma tkunx gejja hlief minn zewg ghelieqi manjetici li qeghdin jigbduh lura u 'l quddiem. Id-differenza kbira li tezisti bejn sistemi demokratici u dawk inqas demokratici hija li mentri fid-demokrazija kollox isir b'mod sottili u nvizibbli, f'dawk is-sistemi inqas demokratici kollox isir vizibbli billi dawk ta' opinjonijiet differenti jintefghu f'habsijiet tal-gebel u f'celel imbarrati bil-hadid.

Fid-demokrazija, bhalma hija dik Maltija, l-individwu ghandu joqghod hafna iktar attent u jfittex aktar u aktar taghrif veru u proprju, il-psikologija wara l-wicc li qieghed jidhaqlu u l-maturita' politika - ghax ghadu tieghu ma jidhirx u jidhollu fit-territorju tieghu bil-mod il-mod tant li lanqas biss jinduna bih. U dan mhux biss ghal dak l-ghadu li jrid jaghmillu d-deni, izda wkoll ghal dak il-bniedem li jrid jikseb l-appogg tieghu billi jidher li qieghed jaqbel mieghu.

Allura jinbtu fil-pajjiz dawk l-istrategisti li jkunu ferm esperti tal-psikologija tal-poplu u zmien wara zmien, sforz wara l-iehor jipperfezzjonaw l-ghodda tal-manipulazzjoni ta' l-imhuh. M'ghandniex xi nghidu, f'kuntest bhal danil-liberta' ixxejjen ghal stat ferm inqas denju ta' ammirazzjoni. L-individwu jew cittadin jispicca kalamita li qieghda ddur bis-sahha ta' haddiehor sakemm ix-xjentist jiddeciedi li jwaqqaf il-potenza manjetika u l-

kalamita fl-ahhar mill-ahhar taqa' ma' l-art u sir bicca hadida mejta u bla abbilta' li ticcaqlaq minn fejn waqghuha l-ahhar.

L-individwu f'kuntest demokratiku ghandu jkun konxju mill-influwenzi ta' madwaru u jaghrbel bis-shih biex jifhem l-intenzjoni ta' min qieghed jghollih 'il fuq biex issabbtu ma' l-art jew inkella ta' min qieghed jghollih 'il fuq biex verament jaghtih status oghla minn dak li ghandu.

Ghalkemm f'kuntest ta' demokrazija, hawnhekk ukoll jezistu l-prigunier politici li jistghu jkunu kemm jien u kemm int. M'ahniex xi prigunier wara xi biex inbarrat jw b'xi bniedem liebes l-iswed bil-lembuba mohbija taht l-ilbies. Hadd mhux qieghed juza forza fizika fuqna, izda llum kulhadd jirrikonoxxi li kemm il-vjolenza differenti li ghal raguni jew ohra li hija ferm 'il boghod mir-realta', twassalna biex nizbaljaw kontra taghna nfusna ghad-dannu taghna stess imma dejjem a gwadann ta' dak li gieghlna b'xi mod jew iehor naghmlu dak li ghamilna.

Dawn il-prigunieri politici jezistu f'pajjizna wkoll. Izda f'pajjizna, ma ninsewx li l-politika dahlet u tidhol f'kollox. Allura m'humiex biss dawk li ghandhom interess direttament politiku li qeghdin jilghabu l-loghba, izda hemm hafna dellijiet ohrajn li qeghdin jaghmlu l-istess haga. Ghal darb'ohra il-maturita' tac-cittadin ghandha tkun elevata bizzejjed halli dejjem tgharbel u tifli l-intenzjoni vera ta' dak li qieghed jigri madwaru. Il-prezenzi u d-dellijiet li jghajru b'lehen jidwi u jirbobmja f'rasna qeghdin jippruvaw kollha jimmanipulawna. Ghandna niqfulhom u naghlqu widnejna halli nifhmu kliemhom mhux biss mill-wicc imma mill-qigh ukoll.

X'bicca xoghol ghandu c-cittadin ta' dan il-pajjiz biex ma jispaccawx prigunieri politici! Xi kultant ahjar tkun taf x'ma ghandekx taghmel biex ma tintefax il-habz milli tispicca f'wiehed bla ma taf kif jew aghar, tkun f'wiehed bla ma taf!